MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 188/2004

Kawza fil-lista: 27

**X W**
**vs**
**P W**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fl-erbgha ta’ Awissu, elf disa’ mija u erbgha u tmenin (04.08.1984) u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett t’itfal, Y, (29.03.1985) B (02.10.1985) u Q (27.03.1983) li fil-mument tal-prezentata tac-citazzjoni, kellhom 19, 14 u 11 il-sena rispettivament ; li l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront ta’ l-attrici martu u tal-qraba taghha, inkluz l-ulied, ta’ eccessi, minacci, sevizzi, u ingurji b’mod li rrenda impossibli l-hajja konjugali bejniethom ; li inoltre l-hajja matrimonjali bejniethom hija

impossibli minhabba inkompitabilità ta' karattru bejniethom ; li l-kontendenti gew awtorizzati ghas-separazzjoni personali *ad mensa et thoro*, skont digriet mghoti minn din l-Onorabbli Qorti nhar it-tmienja ta' Gunju, 2004, (08.05.2004) ; u ghalhekk qed titlob li din il-Qorti : 1) tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-partijiet minhabba eccessi sevizzi, minacci, u ingurji li l-konvenut ikkommetta kontra martu u l-qraba taghha u/jew minhabba inkompatibilità ta' karattru bejn il-kontendenti ; 2) tafda l-kura u l-kustodja ta' uliedhom minuri f'idejn l-attrici ommhom ; 3) tordna illi l-attrici tinghata d-dritt li tibqa' tghix fid-dar konjugali *bl-isem 'Salvatur' Triq Curso, Siggiewi* flimkien m'uliedha minuri u dan ad eskluzjoni tal-konvenut zewgha ; 4) tordna lill-konvenut ihallas, ghaliha u ghal uliedhom minuri ; 5) tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess kommunjomi u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali ; 6) tassenja z-zewg porzjonijiet wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut bin-nomina *okkorrendo* ta' perit u Nutar Publiku sabiex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att ; 7) tordna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-effetti kollha parafernali tal-attrici li jinsabu fil-pussess tieghu ; bl-ispejjez

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa li : i) hu jaqbel illi l-hajja konjugali ta' bejniethom saret impossibli u li z-zwieg tkisser irremedjabilment izda dan ghal ragunijiet unikament imputablli lill-attrici in bazi ghall-istess ragunijiet imressqa minnha fil-konfront tal-konvenut; ii) illi *inoltre* l-attrici abbandunat id-dar minghajr ebda raguni valida ; iii) illi ghalhekk l-ewwel talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu mputabbli lill-attrici ; iv) illi billi it-tifla maggorenni u wiehed mill minuri baqghu jghixu mieghu, tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri lill-eccipjent bi dritt ta' access lill-attrici li jigi hekk regolat mill-Qorti ; v) illi id-dritt li tibqa tghix fid-dar konjugali ad esklusjoni tal-konvenut intilef stante li l-attrici abbandunat id-dar konjugali ; vi) illi id-dar konjugali hija proprejta parafernali tal-eccipjent u l-attrici ghandha post alternattiv proprejta parafernali taghha fejn tista tirresjedi ; vii) illi l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha ghal manteniment ; viii) illi l-

attrici ddekadiet mill-jedd taghha ghan-nofs tal-akkwisti ; ix) illi l-eccipjenti ma jopponix ghas-sitt talba ; x) illi l-eccipjenti ma jopponix ghas-seba talba, b'dan pero li l-attrici ghandha tipprova titolu ghal dawk l-effetti parafernali allegatament proprjeta taghha.

Rat il-kontro talba prezentata mill-konvenut rikonvenzjonant, u li hi nserita fil-process a fols 26 - 27 u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern (Appendici A) ;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata, u li hi nserita fil-process a fols. 29 sa 31u li kopja taghha qeda tigi assnessa mal-gudizzju odhern (Appendici B) ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inluzi l-affidavits presentati ;

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2007 li permezz tieghu l-Qorti giet infurmata li s-seduti peritali gew sospizi minhabba indisposizzjoni ta' l-attrici ;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali.

**Ikkunsidrat :**

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni u tal-kontro-talba, l-partijiet qed jitolbu s-separazzjoni personali bejniethom stante li z-zwieg taghhom tkisser irremidjabbilment, ghal ragunijiet imputabbli lil xulxin; skontd l-attrici, fit-termini ta' l-artikolu 40 filwaqt li skont il-konvenut fit-termini ta' l-artikoli 40, u 41 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ; qed jitolbu wkoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta provat, li l-partijiet izzewwgu fl-4 ta' Awissu 1984, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett t'itfal li illum it-tlieta huma maggorenni. Fl-20 ta' Marzu 2004 l-attrici telqet mid-dar konjugali flimkien mat-tifla minuri, u marret

tghix ma’ ommha, filwaqt li z-zewg t’itfal l-ohra baqghu jghixu fid-dar konjugali mal-konvenut.

*Verzjoni Attrici*
Illi l-atttrici tghid li mill-bidu nett tal-hajja mizzewga huma rriskontraw problemi serji, tant li f’ anqas minn sena wara li kienu izzewggu hi kienet bdiet proceduri ghas-separazzjoni personali minhabba swat.

Tghid li l-konvenut kien jheddidha, jghajjarha, jimmalfamaha man-nies li kienet mara gerrejja, iwegghaha bi kliemu, kien xhih u jhalliha nieqsa mill-flus, nonostante li kellu introjtu tajjeb, kien jistmaha ta’ seftura li qieghda f’daru biex isservih u biex taghmel dak li jrid hu. Hija tilmenta ukoll mill-fatt li zewgha kien jitraskura ghal kollox il-manutenzjoni tad-dar matrimonjali.

Tghid li fis-sena ta’ 2003 hija kellha tirrikorri ghal-ghajnuna psikjatrika fuq suggeriment tal-Agenzija Appogg u eventwalment fl-20 ta’ Marzu 2004, wara argument shun, kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali.

Fir-rigward tal-allegazzjoni ta’ swat, theddid, xehha u traskurragni fid-dar konjugali, it-tezi attrici ssib konfort fix-xhieda ta’ hu l-attrici; izda, minn naha l-ohra, Y, it-tifla l-kbira tal-partijiet (20 sena) tghid li l-konvenut *‘dejjem ta’ l-flus lil ommi ghal ghajxien tal-familja….fid-dar kien jaghmel dak kollu li kien ikun hemm bzonn, u dejjem halla d-dar fi stat tajjeb ta’ manetunzjoni.’ (fol.114)*

*Verzjoni Konvenut*
Illi l-konvenut, jaqbel li l-hajja matrimonjali ma kienetx facli mill-bidunett. Hu kien ihossu mwarrab ghax l-attrici kienet tippreferi l-familtha minnhu, u kienet ggieghlu jhossu zejjed fid-dar. Qatt ma stmatu bhala r-ragel taghha, u kienet taghmel minn kollox biex taghmillu hajtu mizerabbli, b’terturi kontinwi u anke tghajjir. Jghid li l-attrici ma kellhiex rieda tajba, u riedet issib skuza sabiex tissepara minn mieghu. Jichad l-allegazzjonijiet ta’ swat, xehha, il-malafama, u t-traskurragni tad-dar matrimonjali. Jghid li l-ahhar incident qabel ma martu abbandunat id-dar, juri bic-

car kemm kienet tistmah ta' tifel zghir ; u l-agir taghha kien iwegghalu qalbu ; kienet taghmel minn kollox sabiex tipprova iddejjqu halli jkecciha.

Il-bint il-kbira, Y, tikkonferma fl-affidavit taghha li ommha kienet thobb issemmi u tidghi b' omm missierha li kienet mejta ; u, wara xi argument, ta' spiss kienet tispicca titlaq mid-dar u tmur ghand il-familjari taghha ghal xi gimgha jew hmistax u dan sar anke meta iz-zghira kellha biss ftit xhur u din thalliet mal-missier. Fuq missierha tghid li '*lil ommi dejjem stmaha u wrieha rispett u qatt ma smajtu jheddidha li ser ikecciha mid-dar……….Meta konna nohorgu ma' missierna, ommi qass ma kienet tigi maghna……….. « m'inix ser nigi ma dak il-bodbod »'* (Fols 114 – 115) u '*Jien qatt ma rajt lil missieri jsawwat lil ommi…….Meta telqet ommi, dehrli li kien bla sens jiggieldu fuq ghasfur…..B jghidli li hu kuntent id-dar.' ;* ( folio 158 – 160).

Inoltre l-verzjoni tal-konvenut issib konfort ukoll fix-xhieda ta' ohtu Mary Caruana.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali fis-sens li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u l-hajja konjuglai bejniethom m'ghandhiex aktar possibli u li ghal dan jahtu z-zewg partijiet li bil-komportament taghhom it-tnejn wegghu lil xulxin psikologikament u emozzjonalment.

Jirrizulta li, matul il-konvivenza matrimonjali, il-konvenut, ghalkemm kien habbrieki ghax-xoghol, dejjem hadem ghall-familja. Di fatti l-attrici stess fil-kontro ezami tammetti li zewgha ma kellux kapricci u kien jahdem u ma kienx iberbaq flus, izda ma gharrafx jikkontrolla ruhha u jkun tolleranti u sensittiv ghall-bzonnijiet emozjonali ta' martu. Fil-fatt meta l-ewwel tarbija kien ghad kellha ftit gimghat inqala' argument bejniethom li spicca bi tluq ta' l-attrici mid-dar konjugali;  izda l-attrici haffritlu, u l-partiijet irrikonciljaw.

L-attrici minn naha taghha kienet tipprova teskludi lill-konvenut mill-hajja matrimonjali ; kienet tirrifjuta tohrog mieghu bhala familja u kienet tirreferi ghalih ma' uliedha bhala 'bodbod'. L-argumenti ta' bejniethom kienu trivjali pero kienu jispiccaw hazin ghax ta' spiss, l-attrici kienet titlaq jew bit-tfal u jew anke wahedha, mid-dar u tmur ghand ommha jew ohtha. Eventwalment, wara kwistjoni bla sens, telqet definittivament bit-tifla iz-zghira, tlett ijiem qabel l-engagement tal-tifla l-kbira.

Bin-nuqqas ta' hsieb, tolleranza u kontroll da parti taz-zewg partijiet, il-familja giet sparpaljata, ghax zewg ulied baqghu mal missier filwaqt li t-tifla z-zghira hadditha maghha l-attrici ; u barra minn hekk sfrattat wkoll l-okkazzjoni tal-engagement tat-tifla. Waqt il-process tas-separazzjoni, minghajr hsieb li tista taffetwa negattivament lil uliedha, l-attrici, iddecidiet li tiehu hwejjigha u diversi oggetti mid-dar konjugali, tant, li t-tifla tghid li zzarmat id-dar minn kollox u lanqas kien possibli li titwahhal bozza temporanjament.

Dwar l-allegazzjoni tal-vjolenza fisika, li ukoll xehed fuqha hu l-attrici, il-Qorti tosserva li dan l-agir, li jidher li kien il-bazi ta' l-ewwel separazzjoni, ma tkompliex meta l-attrici haffritlu u saret rikonciljazzjoni. Fil-fatt dan tammettih l-attrici stess fl-affidavit meta tghid*, 'dik il-habta zewgi kien jerfa' idejh fuqi',* u meta espressament tghid li s-swat kien waqaf. Anke huwha jixhed li ohtu l-attrici kienet qaltlu li dan il-komportament kien waqaf sussegwentement ghar-rikonciljazzjoni, u it-tifla l-kbira tixhed li hi qatt ma rat lil missierha jsawwat lill-ommha.

Dwar l-allegazzjoni ta' infedelta' fil-konfront ta' l-omm, il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li l-adulterju mhuwiex indikat bhala wiehed mill-kawzalijiet, il-provi fir-rigward huma skarsi ghall-ahhar, u ghalhekk din l-allegazzjoni qed tigi skartata.

Dwar l-abbandun da parti ta' l-attrici, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-attrici telqet mid-dar matrimonjali fl-20 ta' Marzu 2004 ; l-proceduri odjerni gew inizjati fid-9 ta'

Gunju 2004, u ghalhekk huwa manifestament lampanti r-rekwizit taz-zmien rikjest fl-artikolu 41 tal-Kap.16.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort taz-zewg partijiet li bil-komportament taghhom reciproku huma rrendew impossibbli l-konvivenza matrimonjali ; u ghalhekk l-azzjonijiet taghhom jidhlu fit-termini ta' 'servigi' u 'ngurji gravi' kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16. Dan il-komportament tal-partijiet m'ghandhux pero' jimporta d-dekadenza.

**Kura u Kustodja**

Illum it-tlett t'itfal tal-partijiet huma maggorenni, u ghalhekk dan il-kap jinsab sorvolat bit-trapass taz-zmien.

**Manteniment**

Illi din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluz il-fatt li l-attrici qatt ma' hadmet barra mid-dar, kif ukoll il-fatt li l-eta' taghha ma timpedihiex milli ssib xoghol, anke fuq bazi part-time, tikkonsidera bhala xieraq l-ammont ta' mitejn u tmenin ewro (€280) kull erba' gimghat li l-konvenut qed jigi ordnat li jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha fl-ewwel gurnata tax-xahar, liema ammont jizdied kull sena skont l-indici ufficjali tal-gholi tal-hajja ; izda dan l-ammont jigi sospiz hekk kif l-attrici ssib impieg regolari full-time li jirrendilha ntrojtu adegwat ghal ghejxien dicenti taghha.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti :**

Illi din tikkonsisti fis-segwenti assi li qed jigu assenjati kif hawn taht indikat :

*Kontijiet bankarji*

Kont Savings BOV 117019 760 11 bil bilanc ta' Lm 2,640.76

Kont Fixed BOV 117019 760 37 bil bilanc ta' Lm 5,781.37

Kont Savings BOV 400117145 23 bil-bilanc ta' Lm 1,164.00

Dawn l-ammonti ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet ;

*Flus kontanti*
€932 (ekwivalenti ghal LM400) li kienu jinsabu fid-dar meta l-attrici telqet mid-dar - il-konvenut huwa ordnat li jghati lill-attrici s-somma ta’ €466 (ekwivalenti ghal Lm200).

*Kreditu tal-Komunjoni*
Hemm kreditu ta’ €11,647 (ekwivalenti ghal Lm5,000) li l-attrici tghid li hu l-konvenut kellu jaghti lill-konvenut ghal x-xoghol ta’ bini li sar mill-konvenut fuq bicca art ta’ huh. Dan gie ippruvat minn hu l-konvenut stess li l-ammont gie imhallas lill-konvenut. Ghalhekk il-konvenut hu ordnat li jaghti lill-attrici nofs dan l-ammont, u cioe’ €5,823 (ekwivalenti ghal Lm2,500).

Illi rigward l-allegazzjoni attrici li wara z-zwieg kienu saru xi benefikati fid-dar matrimonjali, il-konvenut jghid li id-dar kienet lesta qabel iz-zwieg, izda wara iz-zwieg il-madum ta’ l-entrata u kuridur tbiddel ghax xtaqghet tbiddlu l-attrici. Ghalhekk m’hemmx kreditu favur l-attrici li ssostitwit affarijiet parafernali tal-konvenut, b’affarijiet tal-istess generu ghal kompjaciment taghha. Il-kreditu tal-komunjoni, jinsab pacut bil-kreditu parafernali tal-konvenut.

Illi rigward benefikati fl-ghalqa li jahdem fiha l-konvenut, l-istess konvenut jixhed li dawn il-benefikati kienu ta’ natura zghira u insinifikanti, ghalhekk m’hemm xejn dovut lill-attrici.

*Vettura*
Il-vettura Rover ghandha tibqa’ fil-pussess tal-konvenut li minn naha tieghu qed jigi ordnat li jhallas lill-attrici s-somma ta’ €4,076 (ekwivalenti ghal LM1,750)

*Effetti Mobbli – Komunjoni - Parafernali*
Rigward id-diversi oggetti li jinsabu elenkati fl-affidavit prezentat mill-konvenut u li kopja tieghu qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti mill-istess (Appendici C – fol.127), il-Qorti tosserva li dan ma giex kontrast mill-attrici meta din kellha l-opportunita’ diretta li taghmel hekk(vide ukoll fol.166) u, ghalhekk in difett,

mhux biss ta’ prova kuntrarja, izda anke ta’ cahda mill-attrici, il-Qorti tikkunsidera bhala veritier il-kontenut ta’ l-imsemmi affidavit ulterjuri.

Ghaldaqstant tordna li l-oggetti ndikati taht il-partita (v) bhala oggetti tal-komunjoni tal-akkwisti ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, u fin-nuqqas ta’ ftehim il-Qorti qed tinnomina, a spejjez ugwali taz-zewg partijiet, bhala espert stimatur lil Vincent Ciliberti biex, wara li jistma l-valur ta’ l-istess, jaghmel pjan ta’ qasma f’ zewg porzjonijiet ugwali, porzjoni ghal kull parti.

Illi l-oggetti ndikati bhala parafernali tal-konvenut, dawn ghandhom jigu ritornati lill-istess konvenut fi zmien gimghatejn.

Illi l-oggetti kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali, u li mhumiex parafernali tal-konvenut jew proprjeta’ tal-ulied, ghandhom jinghaddu mal-isemmija oggetti tal-kommunjoni, u jinqassmu bejn iz-zewg partijiet kif indikat fil-paragrafu precedenti.

Illi rigward, l-ammont ta’ €1,165 (ekwivalenti ghal Lm500) li l-attrici qalet li hi kienet gabet maghha qabel iz-zwieg, il-konvenut jichad din l-allegazzjoni, u ghalhekk din il-pretensjoni ma’ tistax tintlaqa ;

Illi rigward is-somma ta’ €11,647 (ekwivalenti ghal Lm5,000) li l-konvenut kien ta’ lit-tifla Y ftit qabel ma l-attrici telqet mid-dar biex jghinha fix-xiri tad-dar taghha, il-Qorti tosserva li ma rrizultax b’ mod car li fi zmien li saret id-donazzjoni, l-attrici oggezzjonat ghaliha.  Ghalhekk il-Qorti thoss li l-konvenut m’ ghandu jirrifondi xejn lill-attrici ghad-donazzjoni li saret lil bint il-partijiet.

Illi rigward id-dar matrimonjali jirrizulta li din hija hija propjeta parafernali tal-konvenut mibnija fuq bicca art li hu, qabel iz-zwieg, kien akkwista b’titolu ta’ enfitewsi temporanja ta’ mija u hamsin sena dekorribbli mid-data ta’ l-att versu c-cens Lm 77 fis-sena. Fl-istess kuntratt giet stipulata l-opzjoni li l-konvenut kellu l-fakolta’ li jifdi l-imsemmi annwu cens ta’ Lm 77 bil-prezz ta’ €5,125

(ekwivalenti ghal Lm2,200) wara ghaxar (10) snin. Illi matul iz-zwieg il-konvenut feda c-cens bl-imsemmi prezz, liema ammont hareg mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-insenjament ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili fil-kawza ***Angiolina Galea vs Gerald Galea*** moghtija fis-17 ta' Jannar 2011, il-Qorti tosserva li (a) id-dar baqghet proprjeta' parafernali tal-konvenut, izda (b) il-konvenut huwa debitur versu l-komunjoni fl-imsemmi ammont ta' €5,125 (ekwivalenti ghal LM2,200), u ghalhekk huwa kreditur ta' l-attrici ghal nofs dan l-ammont. Ghalhekk tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta' €2,562 (ekwivalenti ghal LM1,100) bhala <u>sehema mill-kreditu tal-komunjoni.</u>

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi :

(1) tilqa' l-ewwel talba, u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija taz-zewg partijiet ;

(2) tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal illum huma maggjorenni ;

(3) tichad it-tielet talba ; u tordna wkoll li l-fond 'Salvatur' Triq Curso, Siggiewi ma jibqax jitqies bhala l-fond matrimonjali ;

(4) tilqa' r-raba talba fis-sens li tordna li l-konvenut ihallas manteniment lill-attrici kif fuq stabbilit u indikat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment' ;

(5) tilqa' il-hames u s-sitt talba fit-termini fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata' 'Kommunjoni ta' l-Akkwisti' ;

(6) tichad is-seba' talba stante li ma giex provat li l-konvenut ghandu fil-pussess tieghu beni parafernali ta' l-attrici;

Tiddeciedi dwar il-**kontro-talba** billi:

(1) tilqa' l-ewwel talba fis-sens gja fuq deciz;

(2) tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal illum huma maggjorenni.

(3) tichad it-tielet talba;

(4) tichad ir-raba' talba;

(5) tilqa' il-hames talba;

L-ispejjez kollha kemm ta’ l-azzjoni, kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------